

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 796/2014

tat-23 ta' Lulju 2014

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 501/2008 dwar termini u kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 rigward azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 tas-17 ta' Diċembru 2007 dwar azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 501/2008 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi regoli għat-tfassil, l-għażla, l-implimentazzjoni, il-finanzjament u l-verifika tal-programmi msemmija fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 3/2008.
- (2) Fid-dawl tar-riforma tal-politika tal-Unjoni dwar il-promozzjoni tal-prodotti agrikoli maħsuba sabiex tapplika mill-1 ta' Diċembru 2015, huwa xieraq li jiġi rivedut il-kalendarju għas-sottomissjoni tal-programmi stabbilit fl-Artikoli 8 u 11 tar-Regolament (KE) Nru 501/2008. Il-kalendarju rivedut se jippermetti li l-organizzazzjonijiet professjonali u interprofessjonali kkonċernati jsiru familjari mal-frekwenza l-għdida ta' sottomissjonijiet li se tibda tapplika mill-2016 minħabba r-riforma fil-politika.
- (3) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 501/2008 għandu jiġi emendat skont dan.
- (4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat għall-Organizzazzjoni Komunitas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 501/2008 huwa emendat kif ġej:

- (a) fl-Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu jinbidel b'dan li ġej:

“L-organizzazzjonijiet professjonali u interprofessjonali tal-Unjoni, li jirrappreżentaw is-setturi kkonċeranti (imsejħa minn issa 'l quddiem 'l-organizzazzjonijiet li jipproponu), għandhom iressqu l-programmi tagħhom lill-Istat Membru sa mhux aktar tard mit-28 ta' Frar”;

<sup>(1)</sup> ĠUL 3, 5.1.2008, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 501/2008 tal-5 ta' Ġunju 2008 dwar termini u kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3/2008 rigward azzjonijiet ta' informazzjoni u promozzjoni għall-prodotti agrikoli fis-suq intern u fil-pajjiżi terzi (ĠUL 147, 6.6.2008, p. 3).

(b) L-Artikolu 11 jinbidel b'dan li ġej:

“Artikolu 11

### Għażla tal-Programmi mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni l-lista msemija fl-Artikolu 9(1), li jkun fiha wkoll, fejn japplika, il-lista tal-korpi ta' implimentazzjoni magħżula minnhom, jekk dawn ikunu diġà ntgħażlu skont l-Artikolu 8(3), u kif ukoll kopja ta' kull programm. Din għandha tintbagħat kemm b'mod elettroniku kif ukoll bil-posta u trid tasal għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard mit-30 ta' April.

Meta jkun hemm programmi bis-sehem ta' bosta Stati Membri, din l-informazzjoni għandha tingħata bi qbil komuni bejn l-Istati Membri kkonċernati.

2. Sa mhux aktar tard mill-15 ta' Lulju, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri kkonċernati jekk tinnota n-nuqqas ta' konformità totali jew parzjali ta' programmi imressaq:

(a) mar-regoli tal-Unjoni; jew

(b) mal-linji gwida, għal dak li għandu x'jaqsam mas-suq intern; jew

(c) mal-kriterji msemija fl-Artikolu 9(2), għal dak li għandu x'jaqsam mal-pajjiżi terzi.

3. Skont l-Artikolu 7(2), it-tielet subparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 3/2008, l-Istati Membri għandhom jibagħtu l-programmi riveduti lill-Kummissjoni fi żmien 55 jum kalendarju wara li tkun waslitilhom l-informazzjoni msemija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

Wara verifika tal-programmi riveduti, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi, sa mhux aktar tard mit-30 ta' Novembru, liema programmi tista' tikkofinanzja skont il-proċedura msemija fl-Artikolu 16(2) tar-Regolament (KE) Nru 3/2008.

4. L-organizzazzjoni/jiet proponenti għandhom jaraw li l-programmi magħżula jitwettqu u jitmexxew kif għandu jkun.”

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika għall-proposti tal-programmi msemija fir-Regolament (KE) Nru 3/2008 li jridu jitressqu mill-2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Lulju 2014.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
José Manuel BARROSO